# Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex
## L-Ewwel Sena Sekondarja 2024-2025 Applikanti li twieldu fis-sena 2013

**1.0 Il-Kriterji tad-Dħul** fl-iskejjel tal-Knisja huma skont din il-ġerarkija. Dan ifisser li l-ewwel jieħdu posthom tfal tal-Kriterju 1a, imbagħad tal-Kriterju 1b, eċċ.

Hemm xebħ u differenzi fl-applikazzjoni tal-kriterji fl-ewwel sena kindergarten u l-ewwel sena sekondarja, xi kriterji japplikaw fiż-żewġ livelli pereżempju 1b, 1c u 1d; xi kriterji japplikaw fl-ewwel sena kindergarten biss, pereżempju 1f u 1g u oħrajn japplikaw fl-ewwel sena sekondarja biss, pereżempju 1a. Hemm xi differenzi oħra**.**

Applikanti bil-Kriterji 1a, 1b, 1c, 1d u 1e li għandhom is-sapport ta' LSE jew li jista' jkollhom is-sapport ta' LSE għandhom jippreżentaw id-dokument ta' statementing u / jew dokumenti relatati. Min ma jippreżentax id-dokumenti ta' statement jew dokumenti relatati waqt l-applikazzjoni, l-applikazzjoni tiegħu / tagħha tiġi kkunsidrata invalida.

L-Applikazzjonijiet ta' tfal statemented bis-sapport ta' LSE jiġu aċċettati sakemm hemm post. L-ewwel jiġu aċċettati t-tfal kollha tas-sitt sena (1a). Jekk ikun baqa' post warajhom jiġu aċċettati t-tfal tal-impjegati (1b), wara tal-aħwa (1c) u wara tfal tal-impjegati mas-Segretarjat (1d). F'każ ta' bżonn tittella' l-polza.

F'każijiet fejn l-applikant ikun diġa *statemented* u għandu L.S.E. imma jkun għamel progress u fl-opinjoni tal-ġenituri, tal-iskola u tal-psikologu edukattiv ikun jista' ikompli l-edukazzjoni tiegħu mingħajr l-għajnuna tal-L.S.E. u sal-31 ta' Ottubru 2023 tkun saret talba lill-*iStatementing Moderating Panel* sabiex jitneħħa s-sapport tal-L.S.E għandu japplika mal-każijiet serji u jippreżenta t-talba li saret biex jitneħħa l-L.S.E. u dokumentazzjoni rilevanti oħra. Il-Bord tad-Dħul jiddetermina jekk l-applikazzjoni titqiesx bħala mainstream jew bħala każ serju.

**1a. Tfal fis-Sitt Sena Primarja ta' Skola tal-Knisja f'Għawdex.**

**1b. Tfal ta' impjegati fi Skola tal-Knisja f'Għawdex** matul is-sena skolastika 2023-2024. Il-ġenitur irid ikun ġie impjegat *full time* mal-iskola għall-anqas fl-ewwel parti tas-sena skolastika ta' qabel s-sena skolastika tad-dħul li jkun applika għaliha u jkun għadu mpjegat *full-time* ma' skola tal-knisja f'Għawdex meta tibda s-sena skolastika li jmiss.

**1c. Aħwa fl-istess skola.** Tfal li ħuthom jattendu f'xi skola sekondarja tal-Knisja f'Għawdex, fis-sena skolastika 2023-2024 jistgħu jidħlu fl-*istess skola* ta' ħuthom.

Huma eliġibli għal dan il-kriterju:

**i.** Aħwa, mill-istess ġenituri u li jgħixu fl-istess dar u familja

**ii.** Aħwa li għalkemm għandom ġenituri komuni ma humiex jgħixu fl-istess dar u familja imma jqattgħu tal-anqas 20 siegħa flimkien fil-ġimgħa. Biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata, għandu jiġi ppreżentat kull dokument rilevanti **u** dikjarazzjoni ġuramentata quddiem nutar li trid issir miż-żewġ ġenituri fejn jindikaw is-sigħat fil-ġimgħa li t-tfal jgħixu flimkien fl-istess dar.

**iii.** Aħwa li għandhom ġenitur komuni u li jqattgħu tal-anqas 20 siegħa flimkien fil-ġimgħa. Biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata, għandu jiġi ppreżentat kull dokument rilevanti **u** dikjarazzjoni ġuramentata quddiem nutar li trid issir mill-persuni li għandhom il-kura u l-kustodja tat-tfal fejn jindikaw is-sigħat fil-ġimgħa li t-tfal jgħixu flimkien fl-istess dar.

iv. Tfal li qed jitrabbew mill-istess adulti u li jgħixu fl-istess dar u familja. Biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata, għandu jiġi ppreżentat kull dokument rilevanti **u** dikjarazzjoni ġuramentata quddiem nutar li l-adulti qegħdin jieħdu ħsieb it-tfal flimkien u jindikaw il-kawża raġjonevoli għal din is-sitwazzjoni. F'dawn il-każijiet, il-Bord tad-Dħul jiddetermina jekk il-kawża raġjonevoli li ġiet ippreżentata hix ġustifikata jew le.

v. Tfal adottati, jew tfal li għalihom hemm ftehim ta' fostering, u li qed jgħixu f'familja li fiha tfal oħra u li xi ħadd minn dawn it-tfal ikun jattendi skola tal-Knisja. Tfal adottati jew fostered jitqiesu bħala aħwa tat-tfal tal-familja li jkunu qed jgħixu fiha. Biex l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata, għandu jiġi ppreżentat iċ-Ċertifikat mill-aġenzija kompetenti li jindika li t-tifel jew it-tifla huma adottati jew hemm ftehim ta' fostering.

**1d.** **Tfal ta' Impjegati mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija**.

**1e.** **Każijiet Soċjali u tal-ażil.** Jintlaqgħu ukoll applikazzjonijiet ta' każijiet soċjali u tal-ażil. Jistgħu jaqgħu taħt din il-kategorija, tfal li qegħdin taħt *Care Order*. Ma jaqgħux taħt din il-kategorija dawk li bħala kawża jagħtu xi waħda biss minn dawn ir-raġunijiet: tfal minn ommijiet mhux miżżewġa; fejn jidħlu separazzjonijiet; tfal adottati; tfal li qegħdin f'foster families.

Jistgħu jiġu kkunsidrati każijiet ta' tfal li huma jew il-ġenituri tagħhom qed ifittxu l-ażil.

Fl-applikazzjoni ta' każ soċjali trid tinkiteb ittra fejn jiġi spjegat il-każ għaliex qed tapplika b'dan il-kriterju, u tinkludi dokumenti relevanti. Dawn l-applikazzjonijiet jintlaqgħu skont kemm ikun possibli.

**1f.** **Applikazzjonijiet Laura Vicuna.** Dan ma japplikax fl-ewwel sena sekondarja imma japplika fl-ewwel sena kindergarten.

**1g.** **Applikazzjonijiet St Francis Nadur.** Dan ma japplikax fl-ewwel sena sekondarja imma japplika fl-ewwel sena kindergarten.

**1h.** Applikanti li huma eliġibli li japplikaw bi kriterji 1a – 1e u ma applikawx fi żmien stipulat jistgħu japplikaw bil-kriterju 1h **fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra"** (paragrafu 6.5). Dawn l-applikanti jitqiesu bħala '"Applikanti Oħra" u jieħdu sehem fil-polza bħala "Applikanti Oħra". Jekk ma jmorrux tajjeb fil-polza, jitqgħiedu fil-bidu tal-lista ta' stennija, qabel l-"Applikanti l-Oħra", għall-iskola li kienu eliġibli għaliha (ara paragrafu 10.2).

**2.0** **"Applikanti Oħra"**. Postijiet vakanti għal "Applikanti Oħra", subien għas-Seminarju Minuri u bniet għal-Konservatorju tal-Isqof, jkun dak stabbilit wara li jitnaqqsu n-numru ta' applikanti 1a-1e. Tittellà polza bejn l-"Applikanti Oħra" biex jintlew il-postijiet vakanti.

**2.1** **"Applikanti Oħra" bis-sapport jew li jista jkollhom is-sapport ta' LSE**. Jekk ikun possibli jiġu milqugħa tfal li għandhom bżonn l-għajnuna ta' LSE**.** (Ara Para. 5.3)

**2.2** Fil-każ ta' "Applikanti Oħra" li jkunu tewmin, *triplets,* jew aħwa mwielda fl-istess sena, jekk jitla' wild, l-oħrajn awtomatikament jikkwalifikaw taħt il-kriterju tal-aħwa. Dan japplika għal-aħwa tal-istess sess.

**2.3** Importanti li jekk jinbidlu ċ-ċirkustanzi wara li ssir l-applikazzjoni jew ir-reġistrazzjoni, jiġi notifikat l-Uffiċċju tad-Dħul. Dan japplika kemm jekk applikant jibda proċess is-CDAU, jew għand psikologu jew jiżviluppaw kundizzjonijiet mediċi bħal diabete, epilepsija eċċ, kif ukoll jekk jinbidel is-sapport jew jingħata s-sapport tal-LSE.

**3.0** **Sena tat-Twelid.** Kull min japplika għal post irid ikun twieled fis-sena 2013. Il-Bord tad-Dħul jista' jilqa' talbiet ta' tfal li għal xi raġuni jkunu rrepetew sena primarja. F'dan il-każ il-ġenituri

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Binja Josmar, 30, Triq Idmejda,
Ħal-Balzan BZN 1521

**Tel.** +356 2203 9360 / 7999 0224
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

għandhom jiktbu: gozo.admissions@maltadiocese.org sa mhux aktar tard minn ħmistax –il jum minn meta ssir l-applikazzjoni, fejn għandu jiġi spjegat għaliex qiegħda ssir din it-talba. It-talba tiġi evalwata u tingħata deċiżjoni dwar il-każ. Kull deċiżjoni tal-Bord tiġi kkomunikata lill-ġenituri.

**4.0** L-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex li jaċċettaw studenti fil-Form 1 huma:

| Ġeneru | Skola | Lokalita' | Numru ta' postijiet | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Mainstream | Bis-Sapport |
| Subien | Seminarju Minuri | Rabat | 66 | 6 |
| Bniet | Konservatorju tal-Isqof | Rabat | 66 | 6 |

**4.1.** F'każ ta' neċessità jista jvarja n-numru ta' postijiet offruti mainstream u bis-sapport iżda t-total ta' postijiet offruti ma jkunx anqas mit-total ta' postijiet ippublikati.

**4.2** It-total ta' postijiet offruti jonqos meta jkun hemm bżonn ta' 3 LSEs fi klassi. It-total ta' postijiet jonqos b'wieħed għal kull klassi li jkollha 3 LSEs.

**5.0 Proċess**

**5.1** L-ewwel isiru l-applikazzjonijiet tal-ewwel kriterji 1a-1e.

**5.2** Fl-applikazzjoni tal-kriterji 1a-1e, l-ewwel jiġu aċċettati 1a, imbagħad 1b, eċċ. Jekk jimtlew il-postijiet kollha ta' xi skola tittella' polza bejn l-applikanti ta' dik l-iskola.

**5.3** Il-Kummissjoni ta' Każijiet Serji, tistudja kull applikazzjoni bħala każ serju u tiddeċiedi liema minnhom ser jiġu kkunsidrati bħala każijiet serji. Il-kummissjoni tiddetermina kemm każijiet serji jistgħu jiġu aċċettati.
Il-każijiet jiġu miġbura f'dawn il-gruppi: tfal bis-sapport ta' LSE 1-1; tfal bis-support *shared*; tfal b'i*statementing in process*; każijiet soċjali u każijiet tal-ażil.
Jekk ikun hemm bżonn tittella' polza skont kull grupp ta' sapport. Dawk li jiġu quddiem jiġu aċċettati. L-oħrajn jibqgħu fil-*waiting list*.

**5.4** Wara jiġu ppublikati fuq il-paġna tal-iskejjel tal-Knisja (www.knisja.mt) l-ismijiet tal-applikanti u l-iskola li jkunu rreġistraw fiha.

**5.5** **Qabel ma jifħu l-applikazzjonijiet għal-"Applikanti Oħra" jiġi ppublikat wkoll kemm baqa' postijiet f'kull skola.**

**5.6** Wara jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal postijiet li jkun fadal (Kriterju 2) u tal-applikanti li m'applikawx fiż-żmien stipulat (Kriterju 1h).

**5.7** Jiġu ppublikati l-ismijiet ta' kull applikant / a.

**5.8** Tittella' polza onlajn u jiġu ppublikati onlajn l-ismijiet skont ir-riżultat tal-polza.

**5.9** Il-ġenituri jiġu mitluba jikkonfermaw jew le r-reġistrazzjoni tagħhom fl-iskola tal-Knisja.

**6.0 Applikazzjonijiet**

**6.1** Il-ġenituri jistgħu japplikaw għad-dħul fl-Iskejjel tal-Knisja permezz ta' applikazzjoni onlajn.

**6.2 Applikazzjonijiet skont il-Kriterji 1a-1e:**
Tfal fis-Sitt Sena Primarja ta' Skola tal-Knisja f'Għawdex
Tfal ta' impjegati fi Skola tal-Knisja f'Għawdex
Aħwa fl-istess skola sekondarja.
Tfal ta' Impjegati mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija.
Każijiet soċjali u tal-ażil.

- isiru onlajn fuq: https://church.mt/gozoapplications
- mit-Tlieta 21 ta' Novembru sal-Ħamis 30 ta' Novembru 2023

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Binja Josmar, 30, Triq Idmejda,
Ħal-Balzan BZN 1521

**Tel.** +356 2203 9360 / 7999 0224
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

- Min għandu bżonn l-għajnuna sabiex jagħmel l-applikazzjoni onlajn għandu jċempel fuq 7999 0224 f'dawn il-ħinijiet mit-9:00am sas-2:00pm fil-ġranet tal-applikazzjonijiet, jiġifieri mit-Tlieta 21 ta' Novembru sal-Ħamis 30 ta' Novembru 2023

**6.3 APPLIKAZZJONIJIET TARD skont il-Kriterji 1a-1e:**

- onlajn fuq https://church.mt/gozoapplications
- mil-Ħamis 7 ta' Diċembru sal-Ħamis 14 ta' Diċembru 2023.
- F'każ ta' diffikulta' fil-mili tal-applikazzjoni onlajn wieħed jista' jċempel fuq 7999 0224 mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-9:00 a.m. u s-2:00 p.m.

**6.4** Kull min japplika onlajn skont l-Ewwel Kriterju u ma jirċeviex *acknowledgement* tal-applikazzjoni sal-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2024, għandu jikkuntattjana skont Paragrafu 11.5

**6.5 L-Applikazzjonijiet għal Kriterju 1h** u **"Applikanti Oħra"** (Kriterju 2) isiru:

- onlajn fuq: https://church.mt/gozoapplications
- mil-Ħamis 1 ta' Frar sa l-Erbgħa 14 ta' Frar 2024.
- Min għandu bżonn l-għajnuna sabiex jagħmel l-applikazzjoni onlajn għandu jċempel fuq 7999 0224 f'dawn il-ħinijiet mit-9:00am sas-2:00pm fil-ġranet tal-applikazzjonijiet, jiġifieri mil-Ħamis 1 ta' Frar sa l-Erbgħa 14 ta' Frar 2024.

**6.6 APPLIKAZZJONIJIET TARD skont Kriterju 1h u "Applikanti Oħra"** (Kriterju 2):

- onlajn fuq https://church.mt/gozoapplications
- mit-Tlieta 20 ta' Frar sal-Ħamis 29 ta' Frar 2024
- F'każ ta' diffikulta' fil-mili tal-applikazzjoni onlajn wieħed jista' jċempel fuq 7999 0224 mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-9:00 a.m. u s-2:00 p.m.

**6.7** Kull min japplika onlajn skont it-Tieni Kriterju nkluż Każijiet Serji "Applikanti Oħra" , u Kriterju 1h, ma jirċeviex *acknowledgement* tal-applikazzjoni sat-Tnejn 18 ta' Marzu 2024, għandu jikkuntattjana skont Paragrafu 11.5.

**6.8** **Għal kull tifel / tifla** trid isir applikazzjoni waħda biss. Fil-każ ta' **tewmin / *triplets* / ulied imwielda fl-istess sena,** trid issir applikazzjoni għal kull tifel / tifla.

**6.9** Fil-każ ta' ulied imwielda fl-istess sena, l-aħwa jistgħu jinkitbu fl-istess skola jekk hemm postijiet vakanti. Dan isir billi t-tifel / tifla li j / tiġi lura fil-polza j / tingħata l-istess numru ta' dak li j / tkun ġie / ġiet qabel.

Sabiex dan iseħħ huwa neċessarju li fuq il-formola tal-applikazzjoni ta' kull wieħed mill-aħwa jrid jiġi ddikjarat min hu ħuh. Fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni ma jiġix applikat il-Kriterju tal-Aħwa. Dan japplika anke fil-każ ta' aħwa bniet.

**6.10** Isir ħlas ta €25 għal kull applikazzjoni sabiex jitħallsu l-ispejjeż amministrattivi. Il-ħlas isir onlajn permezz ta' Visa Card.

## 7.0 Informazzjoni u dokumenti meħtieġa mal-applikazzjoni

**7.1 Waqt l-applikazzjoni onlajn ikun hemm bżonn li tagħti din l-informazzjoni:**

Isem u Kunjom tat-tifel / tifla, Nru tal-Karta tal-Identità tat-tifel / tifla, Data ta' Twelid tat-tifel / tifla, Ġeneru tat-tifel / tifla, Indirizz, Lokalità, u Kodiċi Postali, Numru ta' telefown tad-dar, Isem u Kunjom l-omm, Nru tal-Karta tal-Identità tal-Omm, Mowbajl tal-omm, Isem u Kunjom l-missier, Numru tal-Karta tal-Identità tal-Missier, Mowbajl tal-missier, Imejl tal-omm jew tal-missier.

**7.2** Waqt l-applikazzjoni onlajn ikun hemm bżonn li jittellgħu dawn id-dokumenti:

**a.** Ċertifikat tat-Twelid tar-Reġistru Pubbliku (tal-Insinwa) tat-tifel / tifla.

**b.** Dikjarazzjoni tal-Programm Edukattiv mill-Kap tal-Iskola li fiha jiġi ndikat jekk l-istudent/a ssegwix program ta' Edukazzjoni *mainstream*, għandux/għandix bżonn xi għajnuna (access arrangements), jew jekk għandux/għandix bżonn l-għajnuna ta' L.S.E, jew beda l-proċess għal i*statementing*.
Din id-Dikjarazzjoni tista' tniżżilha minn www.knisja.mt

F'ċertu ċirkustanzi d-Dikjarazzjoni tal-Programm Edukattiv tista' tintbagħat aktar tard. F'dan il-każ, l-applikant irid jindika jekk l-istudent/a ssegwix programm t'edukazzjoni *mainstream*, għandu/ha arranġament għal waqt l-eżamijiet jew mgħejun/a minn LSE jew beda l-proċess għal i*statementing*. Jekk ikun hemm diskrepanza bejn id-dikjarazzjoni tal-ġenitur u l-kap tal-iskola, il-Bord tad-Dħul iqis valida l-indikazzjoni skont il-kap tal-iskola u hemm possibilita' li l-għażla li jkunu għamlu l-ġenituri ma tibqax tgħodd.

Sabiex l-applikazzjoni tkun valida, d-Dikjarazzjoni tal-Programm Edukattiv, iffirmata mil-kap tal-iskola, ma tistgħax tintbagħat aktar tard mil-5 ta' April 2024. Jekk dan ma jsirx ir-Reġistrazzjoni tkun invalida.

**7.3** Waqt l-applikazzjoni il-ġenituri jiġu mitluba juru l-kunsens tagħhom mad-Dikjarazzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data. Din id-Dikjarazzjoni tista' taraha u / jew tniżżilha minn www.knisja.mt. <u>Il-ġenituri jiġu mitluba jindikaw jekk iridux li jiġu notifikati jekk l-Uffiċċju tad-Dħul ikollu bżonn jikkuntatja lill-iskola tat-tfal tagħhom.</u>

**7.4** **Infomazzjoni Meħtieġa skont il-Kriterju tal-applikazzjoni**

**7.5** Għal min qed japplika bil-Kriterju ta' kontinwita' mill-primarja ta' skola tal-knisja (1a) jrid jindika liema skola jattendi fil-primarja. Din l-informazzjoni tiġi vverifikata mal-iskola.

**7.6** Għal min qed japplika bil-Kriterju tal-impjegati (1b, 1d) għandu jindika ma' liema skola jaħdem jew jekk jaħdimx mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija. Din l-informazzjoni tiġi vverifikata mal-iskola u mas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija.

**7.7** Għal min qed japplika bil-Kriterju tal-aħwa (1c) għandu jindika f'liema skola jattendu l-aħwa. Din l-informazzjoni tiġi vverifikata mal-iskola. Għandu jittella' ukoll ċertifikat tat-Twelid tar-Reġistru Pubbliku (tal-Insinwa) tal-aħwa li jinsabu fi skola sekondarja tal-Knisja f'Għawdex.

**7.8** Fejn il-ġenituri huma separati jew fil-każ ta' tuturi, meħtieġ dokument legali li jindika l-kustodja tat-tifel / tifla. Ma hemmx bżonn id-dokument kollu tas-separazzjoni imma l-parti li titratta l-kustodja tat-tfal. Meta l-Qorti ddeċidiet li l-kustodja u / jew l-edukazzjoni tal-ulied hija konġunta, allura hemm bżonn il-kunsens taż-żewġ ġenituri.

**7.9** F'każ ta' applikazzjonijiet skont paragrafi 1c ii, iii u iv hemm bżonn:

- Fotokopja tal-Karta tal-Identità taż-żewġ ġenituri;
- Id-dokumenti tal-kustodja **U**
- Id-dikjarazzjoni ġuramentata quddiem nutar (ara paragrafu 1ċ)

**7.10** Għal min qed japplika bħala każ bis-sapport tal-LSE jew każ soċjali jew każ tal-ażil għandu jtella' dokumenti u/jew ċertifikati rilevanti li jispjegaw il-każ.

**Għal min qed japplika bħala każ bis-sapport għandu jtella':**

i. L-i*Statement of Needs* maħruġ mill-i*Statementing Moderating Panel* u l-IEP
ii. Meta l-każ għadu mhux konkluż mal-i*Statementing Moderating Panel* tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, tiġi ppreżentata kopja tal-applikazzjoni għand l-i*statementing board* jew l-aħħar rapport dwar il-bżonnijiet tat-tifel / tifla mingħand psikologu edukattiv
iii. Min ikun għadu ma ġiex *statemented* jintalab li jippreżenta l-i*Statement of Needs* meta dan jingħata.
vi. L-applikazzjoni għat-talba għat-tneħħija tas-sapport tal-L.S.E li tkun ġiet preżentata lil i*Statementing Moderating Panel* sal-31 ta' Ottubru 2023.

**7.11** Tfal li l-istatement tagħhom jaqra *'Learner's needs to be met by Class Teacher'* għandhom japplikaw bħala mainstream u jippreżentaw l-i*Statement of Needs* u l-aħħar rapport mill-psikologu edukattiv.

**7.12** Dokumenti li ma jiġux sottomessi waqt l-applikazzjoni għandhom jiġu sottomessi onlajn permezz ta' din il-ħolqa: https://knisja.mt/forms/csg-missing-documents/

Sakemm mhux indikat mod ieħor, id-dokumenti kollha tal-applikazzjonijiet tal-Ewwel Kriterju għandhom jiġu sottomessi sal-31 ta' Jannar 2024 u d-dokumenti kollha tal-applikazzjonijiet tat-Tieni Kriterju għandhom jiġu sottomessi sal-5 ta' April 2024. F'każ li dan ma jsirx, l-applikazzjoni tkun **invalida**.

**8.0 Polza**

**8.1** It-**tlugħ tal-polza** isir **onlajn** nhar il-**Ħamis, 21 ta' Marzu 2024.**
**Il-polza tas-subien tibda fil-11:00 am u dik tal-bniet tibda fil-11:30 am.**
Il-polza tkun aċċessibli minn www.knisja.mt

**8.2** Ir-riżultat tal-poloz jkun ippublikat online fuq www.knisja.mt.

**8.3** Wara l-polza, il-proċess tar-Reġistrazzjoni jkompli permezz ta' imejls.

**8.4** Ir-reġistrazzjoni ta' skola tkompli sakemm jimtlew il-postijiet kollha. Tiġi ppublikata l-lista tal-applikanti u l-għażla tagħhom.

**9.0 Għażla ta' Skola.** Is-Subien jiġu rreġistrati fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù u l-bniet jiġu rreġistrati fl-iskola sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof.

**10.0 Il-*Waiting List***

**10.1** Jekk jibqa' applikanti li ma jinkitbux fi skola, dawn jibqgħu fuq il-*waiting list,* l-ewwel l-applikanti ta' kriterju 1h, kif spjegat f'paragrafu 10.2, u mbagħad il-kumplament skont l-ordni tal-polza. Kull post vakanti li jinqala sal-aħħar ta' Awwissu 2025 jiġi offrut lil min imissu.

**10.2** L-applikanti li applikaw taħt il-kriterju 1h jitpoġġew fil-bidu tal-*waiting list* skont il-kriterju li kienu eliġibli għalih skont il-ġerarkija tal-kriterji u skont l-ordni tal-polza. Eżempju, jekk ikun hemm applikanti tal-1h tal-Impjegati u tal-1h tal-Aħwa, tal-Impjegati jiġu qabel. Jekk ikun hemm aktar minn applikant wieħed tal-Impjegati, l-ewwel jiġi dak li jkun ġie l-aktar il-quddiem fil-polza.

Jekk jinqala' xi post vakanti, dawn l-applikanti jiġu kkuntatjati qabel dawk l-applikanti li jkunu ħadu sehem fil-polza bħala "Applikanti Oħra" biss.

**11.0 Tagħrif ieħor**

**11.1** Il-ġenituri li jagħżlu li uliedhom jidħlu fl-iskejjel tal-Knisja jkunu qed jiddikjaraw li wliedhom se jsegwu l-*ethos* tal-iskejjel tal-Knisja. Ma jiġix offrut suġġett ieħor flok it-tagħlim tar-Reliġjon Kattolika bħala suġġett akkademiku.

**11.2** Tfal irreġistrati fi skola tal-Knisja huma obbligati li jattendu regolarment l-iskola rreġistrati fiha mill-bidu tas-sena skolastika li għaliha jkunu applikaw.

**11.3** Tista' tingħata eżenzjoni mill-attendenza f'każ ta' ġenituri li se jkunu barra minn Għawdex għal xi raġuni serja, bħal xogħol, mard jew studju għal perijodu ta' sena skolastika minn meta t-tfal suppost jibdew jattendu l-iskola. Sabiex iseħħ dan, il-ġenituri għandhom jiktbu lill-Bord tad-Dħul sabiex jinfurmawh b'din il-ħtieġa tagħhom, iż-żmien tal-permanenza, u jibagħtu dokumentazzjoni relevanti li tipprova li huma se jkunu barra minn Għawdex għal xi raġuni serja.

Tista' tintalab eżenzjoni għat-tieni sena skolastika billi l-ġenituri jerġgħu jiktbu lill-Bord u jagħtu d-dettalji meħtieġa. Il-Bord jiddeċiedi kull każ skont il-merti tiegħu. Il-Bord jinforma

lill-ġenituri bid-deċiżjoni tiegħu. Id-deċiżjoni tal-Bord hija finali. Il-post ma jibqax riservat jekk it-tfal eżentati ma jibdewx jattendu l-iskola saż-żmien stipulat.

**11.4** Kull informazzjoni li l-ġenituri jagħtu lill-Bord tad-Dħul dwarhom u dwar uliedhom u li skont l-Att tal-2018 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data hija "data personali", tiġi pproċessata biss skont l-Att imsemmi. Aktar tagħrif dwar il-Protezzjoni tad-Data jista' jinkiseb mill-websajt: **www.knisja.mt.**

**11.5** Tista' tikkomunika mal-Bord u mal-Uffiċju tad-Dħul f'dan l-indirizz elettroniku: gozo.admissions@maltadiocese.org jew tista' ċċempel fuq 2203 9360.

**11.6** Dawn ir-Regolamenti japplikaw hekk kif huma miktubin għas-sena skolastika 2024-2025 biss. Jista' jkun li fil-futur jinbidlu. Jista' jkun li fil-futur tinbidel ukoll is-sitwazzjoni tal-iskejjel. Għalhekk mhux garantit li l-opportunitajiet preżenti jkunu jeżistu wkoll fil-futur. Jistgħu jibqgħu l-istess, jonqsu jew jiżdiedu.

**11.7** **Wara l-istadju tal-applikazzjoni, kull bidla fiċ-ċirkustanzi tal-applikant għandha tiġi mgħarfa lil Uffiċċju Dħul Skejjel tal-Knisja. Fin-nuqqas ta' dan l-applikazzjoni tista' tiġi nvalida.**

**11.8** **Kull deċiżjoni tal-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u tal-Kummissjoni Każijiet Serji hija finali.**

**11.9** Proċeduri dwar il-ksur ta' dawn ir-Regolamenti qed jiġu ppublikati fuq www.knisja.mt. Ksur ta' dawn ir-Regolamenti jista' jwassal għall-esklużjoni mill-iskola tat-tfal u dawk involuti. Min jixtieq jagħmel xi allegazzjoni ta' ksur ta' dawn ir-Regolamenti għandu jagħmel dan skont il-Proċeduri msemmija. L-allegazzjonijiet għandhom ikunu ndirizzati lid–Delegat tal-Konferenza Episkopali għall-Edukazzjoni Nisranija, Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, 16, Il-Mall, Floriana FRN 1472, numru tat-telefown 2779 0060 imejl: charles.mallia@maltadiocese.org